MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 112/2010

Kawza fil-lista: 55

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu l-1 ta' Dicembru 1996, u f'dan iz-zwieg twieldu tlett itfal; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a], [b], [c], [d], [f] u [g] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet, bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha jeccepixxi li huwa jikkontesta li hemm xi raguni legalment valida ghala z-zwieg ta' bejnithom jigi dikjarat null;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda kollha bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut l-1 ta' Dicembru 1996 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jikkontesta l-htija li hemm xi raguni legalment valida ghala z-zwieg ta' bejnithom jigi dikjarat null

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu l-1 ta' Dicembru 1996 meta allura l-attrici kellha 20 sena u l-konvenut kellu 24 sena, u wara li kienu ilhom johrogu flimkien circa 3 snin. F'dan iz-zwieg twieldu tlett itfal.

Illi l-attrici tghid li l-konvenut kien vjolenti fil-konfront taghha u dan anke quddiem il-minuri, liema vjolenza kienet ukoll testendi fuq omm il-konvenut[1]. L-attrici xorta wahda zzewget lill-konvenut minhabba l-fatt li hija kienet imdejqa bis-sikkar tal-hin li ommha kienet timponi fuqha sabiex tirritorna lura mhux aktar tard mid-9.30pm, hija kienet tahseb li l-attur "*jitbiddel wara li nizzewgu*"[2]. Inoltre, l-attrici tghid li l-konvenut ma kienx fidil lejha u kellu

[1] Vide fol. 81 tal-process.
[2] Vide fol. 31 tal-process.

relazzjoni ma' certu Emiljana Micallef minn qabel ma zzewgu u li llum ghadu f'dina r-relazzjoni ma' dina l-mara[3].

Illi gie allegat li l-konvenut wettaq atti mhux xierqa fuq minorenni[4].

Illi mix-xhieda jidher li l-konvenut kien jabbuza mix-xorb u d-drogi u sahhansitra l-lejl ta' qabel it-tieg tieghu huwa mar lura d-dar filghodu jum it-tieg proprju ftit sieghat qabel u jidher li kien xorob[5].

Illi jirrizulta wkoll li l-konvenut kellu relazzjoni omosesswali ma' certu Kenneth Cacciottolo[6] waqt iz-zwieg.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f'dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront ta' l-attrici l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li l-attrici dahlet ghal dan iz-zwieg minghajr m'gharrfet l-import tal-hajja konjugali, bir-rizultat li kienet <u>inkapaci</u> tghix mal-konvenut, allura zewgha, f'unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku. Filwaqt li tirravviza fil-konfront tal-konvenut l-*caput nullitatis* kontemplat f'paragrafu [c], ta' l-artikolu 19 [1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta peress li mill-provi prodotti jidher li l-konvenut kien jabbuza mix-xorb tant li mar ghat-tieg tieghu stess wara li ftit tal-hin qabel kien irritorna lura taht l-effett tax-xorb, kien vjolenti fil-konfront ta' martu, kien infidil lejha <u>sa minn qabel iz-zwieg</u> u kompla anke waqt iz-zwieg u dan minbarra l-fatt li kellu relazzjoni omosesswali li damet snin waqt li kien mizzewweg lill-attrici. Huwa kien inkapaci jghix ma' l-attrici f' relazzoni esklussiva.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

---

[3] Vide fol. 36, 38, 43 tal-process.
[4] Vide fol. 32, 65, 78, 83 et seq. tal-process.
[5] Vide fol. 31, 38, 84 tal-process.
[6] Vide fol. 32, 35 tal-process.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet l-1 ta’ Dicembru 1996 .

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament bejn il-partijiet, mill-konvenut in kwantu ghal zewg terzi [2/3], u r-rimanenti terz [1/3] jibqa’ a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------